## Laqgha Numru 02/K3/2002

## Introduzzjoni

Minuti tat-Tieni Laqgha tas-sena 2002 tat-Tielet Kunsill Lokali Pembroke li saret nhar l-Erbgha 23 ta' Jannar 2002.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Paul Baldacchino u l-Kunsilliera Carmela Attard, Pierre Cordina u Ray Pace flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Pierre Cordina wasal tard.

Is-Sindku Joe Zammit ippresieda l-laqgha.

## Agenda

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li gie ppubblikat fis-17 ta' Jannar 2002. L-**Agenda** kienet:

1. **Approvazzjoni tal-Minuti Rif. 01 / K3 / 2002.**
2. **Mistoqsijiet.**
3. **Korrispondenza.**
4. **Mozzjoni Numru 01/2002.**
5. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**
6. **Materji Ohra.**

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti 01/K3/2002.

1.1. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 01/K3/2002.

1.2. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

1.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2. Mistoqsijiet.

2.1. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghal-item li kien imiss fuq l-agenda.

## 3. Korrispondenza.

3.1. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm il-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn l-10 u t-23 ta' Jannar 2002 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera. Fost l-ittri kollha saret riferenza ghall-

| Rif. | Suggett |
|---|---|
| 46/0080/02/I | Ittra minghand Active Enterprises Co. Ltd. rigward kwotazzjoni ghal site map signs ghal prezz ta' Lm274 il-wahda minghajr VAT. |
| 46/0089/02/I | E-mail minghand id-DCC ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar rigward lista ta' decizjonijiet. |
| 46/0096/02/I | E-mail minghand Faces Consultants Ltd. rigward ritratti tas-siti ta' fejn ser jitwahhlu l-bus shelters. |
| 46/0104/02/I | E-mail minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar bl-lista t'applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp. |
| 46/0114/02/I | Talba ghall-permess mill-Enemalta biex jghaddu cables fi Triq il-gdida. |
| 46/0116/02/I | E-mail minghand l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali rigward il-laqgha ghas-Sindki li se tkun bejn il-15 u s-16 ta' Frar 2002. |
| 46/0119/02/I | Ittra minghand Astoria Group biex jinfurmawna li qed joffru s-servizz ta' meals on wheels ghall-anzjani tal-lokalita' ghall-prezz ta' Lm1.90. |
| 46/0120/02/I | E-mail minghand id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali rigward Cultural Heritage. |
| 46/0138/02/I | E-mail minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar bl-Agenda Development Control Commission ghat-22 ta' Jannar 2002. |
| 46/0139/02/I | E-mail minghand id-DCC ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar rigward lista ta' decizjonijiet. |
| 46/0141/02/I | Ittra minghand id-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar fejn infurmawna li l-kuntrattur assigurah li t-trakkijiet se jghaddu mit-triq ta' wara u mhux min quddiem Blokk A5-A11 San Gorg. |
| 46/0144/02/I | HSBC qed jitolbu li tintbaghat lura l-garanzija bankarja tal-Bitmac Ltd. |
| 46/0152/02/I | Memo 2/2002 rigward l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali (Marzu 2002). |
| 46/0155/02/I | Memo 1/2002 rigward E-Tenders Programme Commonwealth Business Council. |
| 46/0156/02/I | Ittra minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar rigward lista t'applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp. |
| 46/0161/02/I | Mozzjoni Numru 01/2002 minghand is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsilliera Carmela Attard rigward talba biex jitnaddaf sit u jsir kalata tal-bocci. |
| 46/0165/02/I | E-mail minghand il-Podogeriatric Department rigward tahdidiet ghall-anzjani gewwa lokalita' ta' Pembroke fuq il-kura tas-saqajn. |
| 46/0167/02/I | E-mail minghand is-Sur Emanuel Delia mill-Ministeru tal-Gustizzja u Gvern Lokali fejn infurmana li fl-20 ta' Frar il-Ministru Dr. Austin Gatt ma jistax jattendi u qed jipproponi li l-Ministru jiltaqa' mad-delegazzjoni l-ghada. |
| 46/0172/02/I | Ittra minghand l-Ufficcju tal-Kummissjoni Elettorali rigward l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali 9 ta' Marzu 2002. |
| 46/0174/02/I | Ittra minghand id-Dipartiment tat-Turizmu fejn infurmawna li bhalissa |

ghandhom numru ta' haddiema li jaghmlu x-xoghol ta' beach cleaning u qed jistaqsuna jekk nixtiequx xi haddiema u x'tip ta' xoghol irriedu li jaghmlu.

46/0180/02/I Memo 3/2002 rigward l-International Year of ECO-Tourism 2002.

46/0188/02/I Ittra minghand ic-Centru Pastorali Kristu Rxoxt Dun Anton Portelli fejn infurmana li accetta li naghmlu uzu mis-sala tal-Komunita' nhar l-Erbgha 20 ta' Frar bejn il-5.00 u d-9.00pm.

46/0190/02/I Ittra minghand l-iskola ta' Bice Mizzi Vassallo fen qed jitolbu donazzjoni ghall-PA system gdid li diga nxtara.

46/0193/02/I E-mail minghand l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali rigward il-laqgha ghas-Sindki li se tkun bejn il-15 u s-16 ta' Frar gewwa l-lukanda Radisson SAS San Giljan.

46/0201/02/I Petizzjoni minghand grupp ta' dilettanti tal-loghob tal-bocci fejn talbu l-Kunsill biex jipprovdi pitch tal-bocci.

46/0208/02/I Ittra minghand il-Luna Park Entertainment fejn infurmawna li qablu mal-kundizzjonijiet kollha hlief wahda li bhala sponsor jixtiequ jaghtu Lm350 minflok Lm500.

46/0210/02/I Kopja ta' l-ittra li l-Med Design Consultants baghat lill-Bitmac Ltd. fejn infurmhom li fi Triq Patri Indri Vella ma hemmx xi servizzi tal-Maltacom plc mghoddija.

46/0211/02/I Kopja ta' l-ittra li l-Med Design Consultants baghat lill-Penza Ltd. rigward bdil ta' bankina quddiem Plot 116 fi Triq Luigi Farrugia.

46/0213/02/I Rapport minghand in-Northern Harbour District Joint Committee fuq it-tender ghall-installazzjoni u manutenzjoni tad-dawl tat-toroq preparat mill-Contract Manager Med Developers, Designers & Consultants Ltd.

46/0214/02/I E-mail minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar bl-Agenda Development Control Commission ghal-24 ta' Jannar u ghat-30 ta' Jannar 2002.

46/0216/02/I Ittra minghand is-Sur Paul Galea rigward kwotazzjoni ghal video coverage ghall-prezz ta' Lm500.

46/0218/02/I Memo 4/2002 rigward Pubblikazzjoni ta' Bye-Laws.

46/0219/02/I Memo 5/2002 rigward Rapport dwar l-efficjenza tal-Kunsilli Lokali.

46/0225/02/I Ittra minghand l-Ufficcju tal-Prim Ministru fejn infurmana li laqa' l-istedina taghna sabiex jiltaqa' mad-delegazzjoni minn Pembroke Dock Wales nhar il-Hamis 21 ta' Frar fl-12.00 pm fl-Ufficcju tal-Prim Ministru l-Berga ta' Kastilja.

46/0226/02/I Ittra minghand l-Ufficcju tal-President fejn infurmana li ghogbu jiltaqa' mad-delegazzjoni minn Pembroke Dock Wales nhar it-Tnejn 25 ta' Frar fl-10.00 am il-Palazz il-Belt.

46/0228/02/I Ittra minghand il-Maltacom rigward pajpijiet u inspection boxes fuq il-bankini fit-Triq Luigi Rigord, Triq Fra Francesco Wizzino u Triq Luigi Rosato liema servizzi ntuzaw minn entitajiet ohra minghajr permess.

3.2. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0080/02/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li kemm il-darba x-xoghol ser ikun tat-tip screen printing, il-Kunsill jaccetta l-kwotazzjoni ta' Active Enterprises Co. Ltd biex isiru 3 locality maps ghall-prezz ta' Lm 247.00 il-wahda liema prezz ma jinkludiex il-Vat kif ukoll liema spiza l-ammont ta' Lm 800.00 ser jigi sponsorjat mill-Kumpanija MDS. Il-Kelliem ippropona wkoll li l-Kunsill jaghmel kuntatt ma l-istess kumpanija biex

jigi ccarat x'materjal ghandu jigi provdut mill-Kunsill fejn ghandu x'jaqsam m'artwork.

3.3. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

3.4. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.5. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0096/02/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob lill-Kumpanija Faces Display biex il-Bus Shelters jitwahhlu fejn qed jigi propost mill-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku. **( Ara appendici A )**

3.6. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

3.7. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.8. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0114/02/I** il-Kunsillier Ray Pace rrakkomanda li l-Kunsill jitlob lill-Korporazzjoni Enemalta biex l-arbli li twahhlu fit-triq il-gdida jigu mresqa aktar il-gewwa fuq il-bankina u dan sabiex jigi evitat xi ncident tat-traffiku fatali.

3.9. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0116/02/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kemm huwa kif ukoll il-Vici Sindku Paul Baldacchino kienu ser jattendu ghall-laqgha tas-Sindki u l-Vici Sindki li ser issir fis-16 u 17 ta' Frar 2002 fil-lukanda SAS Radisson Bay Point Resort.

3.10. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0141/02/I** is-Sindku Joe Zammit irrakkomanda li kopja ta' l-ittra tintbaghat lir-residenti ta' Blokks 4 u 6 Qasam tad-Djar San Gorg.

3.11. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0144/02/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li kemm il-darba ma jkunx hemm rimedju ghall-kumpanija Maltacom plc, il-Kunsill jinforma lill-kuntrattur li l-Kunsill ser izomm l-ammont ta' Lm 800.00 ghal kull trinka li ma saritx u dan biex iservi li meta jkun ser isir ix-xoghol il-Kunsill ikollu bizzejjed finanzi biex ikun jista' jaghmel re instatement kif suppost.

3.12. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

3.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.14. Il-Kunsillier Pierre Cordina nghaqad fil-laqgha fis-6.30 pm.

3.15. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0165/02/I** il-Kunsillier Carmela Attard ipproponiet li l-Kunsill jilqa' t-talba tad-Dipartiment tal-Patologija biex issir diskussjoni fil-Kunsill dwar il-kura tas-saqajn.

3.16. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

3.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.18. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0174/02/I** il-Vici Sindku Paul Baldacchino ppropona li l-Kunsill jitlob 3 persuni lill-Ministeru tat-Turizmu biex jigu assenjati lill-Kunsill biex isir xoghol ta' tindif u manutenzjoni f'postijiet pubblici nkluz gonna u postijiet turistici fosthom il-Batterija ta' Pembroke kif ukoll inaddfu l-bajjiet.

3.19. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

3.20. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.21. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0180/02/I** il-Kunsillier Ray Pace ppropona li l-Kunsill jinnomina lill-Vici Sindku Paul Baldacchino bhala ko-ordinatur fuq l-attivitajiet konnessi mas-sena Internazzjonali ta’ l-ECO Tourism. Il-Kelliem ippropona wkolll li bhala inizjattivi ghandhom jissemmew li kien hemm tlett zoni abbandunati u l-Kunsill qed jiehu hsieb li jinbidlu f’imsagar liema msagar il-Kunsill talab li jissemmew ghat-tlett Beati Maltin.

3.22. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

3.23. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.24. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0190/02/I** il-Kunsillier Carmela Attard ipproponiet li l-Kunsill jaghti sponsor ta’ Lm 25.00 lill-Iskola Primarja Bice Mizzi Vassallo biex jinxtara PA System.

3.25. Il-Kunsillier Pierre Cordina ssekonda.

3.26. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.27. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0191/02/I** il-Kunsillier Ray Pace rrakkomanda li jergghu jitwahhlu zewg tabelli tat-Towing fi Triq Alamein fl-akwati ta’ sprachcaffe’.

3.28. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0208/02/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta l-offerta tal-kumpanija Luna Park Entertainment ta’ sponsor ta’ Lm 350.00 minflok Lm 500.00 kif talab il-Kunsill.

3.29. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

3.30. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.31. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0216/02/I** is-Sindku Joe Zammit irrakkomanda li jingabru aktar kwotazzjonijiet specjalment fejn jikkoncerna ritratti u dan minhabba l-fatt li l-ispiza jidher li hija aktar minn dak mahsub. Il-Kelliem qal li jekk ikun hemm aktar minn kwotazzjoni wahda jkun jista’ jsir paragun tal-prezzijiet.

3.32. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0228/02/I** is-Sindku Joe Zammit irrakkomanda li kopja ta’ l-ittra ghandha tintbaghat lis-Sur M. Aquilina, li huwa l-persuna li qed jikkordina x-xoghol ta’ Pembroke Battery.

## 4. Mozzjoni numru 01/2002.

4.1. Is-Sindku Joe Zammit ippropona mozzjoni riferenza 01/2002 ghad-diskussjoni.

4.2. Il-Kunsillier Carmela Attard issekondat.

4.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.4. Il-Kunsillier Ray Pace qal li ghandu nformazzjoni minghand is-Sur M. Aquilina li l-Ministeru ghall-Ambjent u Xogholijiet kien ser jibda jimplimenta x-xogholijiet li kien talab il-Kunsill zmien ilu. Il-Kelliem qal li fil-pjan ma jirrizultax li kien hemm indikat li ser issir kalata tal-bocci.

4.5. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino qal li huwa ma kellux oggezzjoni ghall-proposta kemm il-darba mhux possibli li jinstab post iehor alternattiv.

4.6. Is-Sindku Joe Zammit qal li mhux prattikabli li jinstab post iehor meta x-xewqa tar-residenti hija li l-kalata ssir fil-post indikat kif ukoll li fl-istess sit dan il-progett jista' jsir fuq is-saqaf tal-gibjuni u ghalhekk m'hemmx spiza kbira.

4.7. Wara diskussjoni qasira s-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-mozzjoni kif prezentata. **( Ara appendici B )**

4.8. Il-Kunsillier Carmela Attard issekondat.

4.9. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5. Approvazzjoni tal-kontijiet.

5.1. Is-Sindku Joe Zammit ipprezenta skeda ta' pagamenti **( Ara appendici C )** ghad-diskussjoni.

5.2. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kif prezentati.

5.3. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

5.4. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6. Materji Ohra.

6.1. Il-Kunsillier Ray Pace pprezenta pjanta mmarkata bis-siti fejn ghandhom jehlu l-ismijiet tat-toroq il-godda kif ukoll l-ammonti li hemm bzonn. Il-Kelliem ippropona li jibqghu isiru l-forom tal-konkos u dan sabiex il-process jitkompla ghat-toroq l-ohra tal-lokal.

6.2. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.4. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-laqgha tal-lokalita' ssir nhar l-Erbgha 20 ta' Frar 2002 fil-5.30 fis-sala tac-Centru Pastorali Kristu Rxoxt kif ukoll li wara l-istess laqgha jkun hemm bibita zghira.

6.5. il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

6.6. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.7. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ppropona li ssir rhama kommemorattiva biex tikkomemora l-iffirmar tal-ftehiem ta' Gemellagg ma' Pembroke Dock Town Council, liema rhama ghandha ssir ghand Marble Works Ltd. kif ukoll li din ghandha tkun ta' l-istess qies bhal dik li saret fil-Gnien 4 ta' Lulju kif ukoll li ssir fuq pedistal fejn jittellghu l-bnadar quddiem l-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill minflok il-pedestal li hemm bhalissa.

6.8. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

6.9. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.10. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino rrakkomanda li jekk jista' jkun l-ispiza ta' l-irhama m'ghandiex taqbez il-Lm 200.00.

6.11. Is-Sindku Joe Zammit ipprezenta programm t'attivitajiet ghal waqt iz-zjara li ser jaghmlu s-Sindku u l-Kunsilliera ta' Pembroke Dock Town. Il-Kelliem qal li kienet ix-xewqa tieghu li ghal waqt l-iffirmar tal-ftehiem ikun prezenti l-Onor. Dr Austin Gatt, li izda ma jistax ikun prezenti minhabba mpenji ohra. Il-Kelliem qal

li kien tkellem mas-Sur Manuel Delia fejn dan qallu li l-anqas l-ghada l-Ministru ma kien ser ikun jista'. Wara diskussjoni qasira s-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-programm t'attivitajiet.

6.12. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

6.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.14. Il-Kunsillier Ray Pace ppropona li tinxtara plakka kommemorattiva bhal ma saret ghall-MDS biex tinghata lid-delegazzjoni minn Pembroke Dock Town Wales.

6.15. Il-Kunsillier Pierre Cordina ssekonda.

6.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.17. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li minn informazzjoni li ghandu jirrizulta li biex jigi rrangat il-mudell 3D ta' Pembroke hemm bzonn li jinxtara injam specjali liema njam jiswa madwar Lm300.00 kif ukoll li jigi rrangat il-frame ta' l-aluminium inkluz il-bazi tal-hadid u l-hgieg ta' fuq l-istess mudell.

6.18. Il-Kunsillier Ray Pace ppropona li jsir dak kollu li hemm bzonn kif ukoll li l-ispiza kollha ghandha tinhareg mill-vot allokat ghar-restawr ta' Pembroke Battery.

6.19. Il-Kunsillier Pierre Cordina ssekonda.

6.20. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.21. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kien hemm xi items li ma sarux fit-tender tar-Road Resurfacing ta' Triq Don Luigi Rigord. Il-Kelliem qal li bil-variations li ser ikollu d-Dipartiment jista' jaghti l-kaz li x-xoghol idum ma jsir u dan minhabba li jkun hemm bzonn l-aprovazzjoni ta' numru ta' Dipartimenti.

6.22. Wara diskussjoni l-Kunsillier Ray Pace ppropona li l-Kunsill jaghti direct order lill-Kumpanija Philip Agius & Sons bl-ammont ma jeccedix il-Lm499.00 u dan biex jitnaqqas l-ammont ta' variations minn fuq id-Dipartiment kif ukoll li l-istess fondi jittiehdu mill-vot tal-progett ta' Restawr ta' Pembroke Battery.

6.23. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.25. Is-Sindku Joe Zammit ta rendikont tal-laqgha li saret ghar-residenti ta' Triq l-Imhallef William Harding u l-madwar. Il-Kelliem qal li l-ikbar problema kienet dik tal-parking.

6.26. Wara diskussjoni s-Sindku Joe Zammit ippropona lill-Kunsillier Ray Pace biex sal-laqgha tal-Kunsill li jmiss jipprepara Draft tas-sit indikat biex wara l-Kunsill ikun jista' jerga jikkomunika mar-residenti biex b'hekk jiehu l-passi necessarji biex is-sit ma jibqax jintuza bhala parking area.

6.27. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

6.28. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.29. Is-Sindku Joe Zammit ta rendikont tal-laqgha li saret ghar-residenti ta' Juno Heights u l-akwati. Il-Kelliem qal li wahda mit-talbiet kienet li ssir skip ohra quddiem l-Entratura A u B.

6.30. Wara diskussjoni l-Vici Sindku Paul Baldacchino ppropona li ssir skip ohra bi prova.

6.31. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.33. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-ewwel fazi tax-xoghol ta' hdejn Juno Heights kienet tlestiet. Il-Kelliem ippropona li issa ghandu jsir ix-xoghol preparatorju ghall-pedestall ta' l-irhama, jitnehha l-pilastru tas-Sur Barbara liema pilastru kien sar mis-Sinjuri Grima, jinbena c-cint ta' wara Blk 3 Qasam tad-Djar Sant' Andrija u wara jitkompla x-xoghol tal-Qasam tad-Djar San Patrizju.

6.34. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

6.35. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.36. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino u l-Kunsillier Ray Pace rrakkomandaw li jinghalaq l-access ta' Triq Anzio.

6.37. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan il-process ser isir bhala parti mill-progett t'afforestation.

6.38. Il-Kunsillier Ray Pace talab li jkun hemm warden biex jissorvelja l-hrug illegali minn Triq Medjez ghat-Triq il-Gdida.

6.39. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kien ser jikteb lill-Kummissarju ta' l-Artijiet, lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar kif ukoll lill-Kummissarju tal-Pulizija li qed isir uzu minghajr permess tal-kamra li hemm fil-bidu tat-triq li taghti ghall-bajja u dan wara li saru numru t'oggezzjonijiet mir-residenti.

6.40. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kien ser jikteb ittra bhala reminder lid-Dipartiment tat-Toroq rigward l-upgrading tal-Junction tal-Qasam tad-Djar San Patrizju. Il-Kelliem qal li kopja ta' l-ittra ser tintbaghat lir-residenti koncernati.

6.41. il-Vici Sindku Paul Baldacchino u l-Kunsillier Ray Pace nfurmaw lill-Kunsill li s-sigar taz-zebbug fi Triq Burma ser jithawwlu nhar is-Sibt 2 ta' Frar 2002.

6.42. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino nforma lill-Kunsill li mill-green area li hemm quddiem Triq F X Caruana kienu nserqu 13 il-sigra li kienu thawwlu xi gimghat ilu.

6.43. Il-laqgha ntemmet fid-9.15 pm wara li ntlahaq ftehiem li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 6 ta' Frar 2002 fil-5.30.

| | |
|---|---|
| **Joe Zammit** | **Kevin Borg** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |